

31991R3411

L 321/23

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

23.11.1991

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3411/91
tal-21 ta' Novembru 1991**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 964/91 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1991 fuq in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u fuq it-Tariffa Komuni Doganali ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2242/91 ⁽²⁾, u partikolarment Artikolu 9 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 964/91 ⁽³⁾, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2293/91 ⁽⁴⁾, li kklassifika, fost hwejjegħ oħra, ċertu faqqiegħ fil-kodiċi NM 2003 10 10, hu applikabbli f'dan ir-rigward mill-1 ta' Novembru 1991; billi jidher mixtieq, għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-politika kummerċjali komuni, li tkun postposta għall-perjodu ieħor din id-data li diġa kienet postposta darba oħra; billi huwa xieraq li jkun emendat ir-Regolament (KEE) Nru 964/91 kif xieraq;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-data ta' l-1 ta' November 1991 li tidher f'Artikolu 2, paragrafu tnejn, tar-Regolament (KEE) Nru 964/91 għandha tiġi sostitwita bl-1 ta' Mejju 1992.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Huwa applikabbli mill-1 ta' Novembru 1991.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussell, fil-21 ta' Novembru 1991.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 204, tas-27.7.1991, p. 21.

⁽³⁾ ĠU L 100, ta' l-20.4.1991, p. 14

⁽⁴⁾ ĠU L 209, tal-31.7.1991, p. 22.